MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 2094/2002

**Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom tal-Enemalta**

**vs**

**Kenneth Cole**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Settembru 2002 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' mitejn u disa' liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm209.85) rapprezentanti kontijiet pendenti ghall-konsum tal-ilma u kera ta' meter tal-ilma li jammontaw ghal Lm21.96 u ghall-konsum tal-elettriku u kera ta' meter tal-elettriku li jammonta gha Lm185.03, fil-fond 'Greyhound', 56, Triq il-Kbira, San Giljan ghall-perijodu bejn il-5 ta' Marzu 1992 sas-7 ta' Ottubru 1993 skond il-kont numru 012/08934/1 u d-dokumenti mmarkati bhala Dok. WSC1 u Dok. WSC2.

Bl-ispejjes, inkluzi Lm2.86 spejjes tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Jannar 2000 u bl-imghax kummercjali kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Guido Pace Spadaro in rappresentanza tal-Korporazzjoni attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' mitejn u disa' liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm209.85), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

-------------------------------TMIEM-------------------------------